MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 505/2004

Saviour Camilleri
vs
Anthony k/a Twanny Baldacchino

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni ta’ l-attur li biha ippremetta:

Illi l-konvenut, Twanny Baldacchino fl-10 ta’ Mejju 1999 iffirma skrittura privata mal-attur, Saviour Camilleri, fejn dan ta’ l-ahhar accetta li jaghmel xoghol ta’ *interior designer* ghall-konvenut rigward propjeta` li tinsab gewwa Ghar Lapsi, Siggiewi, li llum giet konvertita f’post kummercjali ta’ *bar* u *restaurant* bl-isem *Blue Creek Restaurant*;

Illi l-konvenut kien accetta li ghas-servizzi professjonali tieghu l-attur kellu jithallas is-somma ekwivalenti ghal hamsa fil-mija (5%) tal-valur tal-progett;

Illi l-konvenut kien hallas permezz ta' diversi pagamenti akkont lill-attur is-somma ta' hamest elef u mitt Lira Maltin (Lm5,100);

Illi l-bilanc dovut mill-konvenut lill-attur rigward l-imsemmi xogholijiet huwa ta' sebat elef seba' mija u tlieta u tmenin Lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm7,783.36c);

Illi minkejja li l-attur interpella diversi drabi lill-konvenut sabiex ihallas dan il-bilanc, inkluz il-hrug ta' ittra ufficjali, madanakollu l-konvenut baqa' inadempjenti;

L-attur talab lill-Qorti sabiex:

1. tikkonferma li l-konvenut huwa debitur ta' l-attur fis-somma ta' sebat elef sebgha mija u tlieta u tmenin Lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm7,783.36c);

2. tikkundanna u tordna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sebat elef seba' mija u tlieta u tmenin Lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm7,783.36c) inkluz imghax legali mid-data li gie terminat ix-xoghol in kwistjoni;

Bl-ispejjez, inkluz ittra ufficjali datata 21 ta' Mejju, 2004, Mandat ta' Qbid numru 1211/04 datat 1 ta' Lulju, 2004 u bl-imghax relat sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok, l-ewwel talba attrici hi superfluwa guridikament u ghalhekk ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-attur.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess l-ammont bilancjali pretiz mill-attur ghas-servizzi minnu rezi mhux dovut lilu billi hu effettivament thallas minghand il-konvenut l-ammont ta' hamest elef u mitt liri Maltin (Lm5,100) li anke jissupera l-valur tas-*service fee* rejalment dovuta lilu.

3. Bir-riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri li jkunu permessi mil-ligi.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat illi fl-14 ta' Marzu, 2005 il-Perit Alan Saliba gie nominat bhala espert tekniku.

Rat ir-rapport tal-Perit Alan Saliba li fih issemma:

**'17 KONSIDERAZZJONIJIET TEKNIĊI**

**18** Jirriżulta li x-xogħlijiet illi għamel l-attur kienu jinkludu *survey* fuq il-post, *detailed drawings, specifications, tender documents* u *meetings* mal-kuntratturi kemm qabel inħarġet it-*tender* u kif ukoll wara. L-attur kien involut ukoll fl-*adjudication phase* billi pprepara *comparative statement* dwar xi offerti mitfugħa.

**19** Dwar il-fatt illi l-konvenut qed jikkontendi li l-attur mhux dovut *service fee* għal xogħlijiet li ma ġewx esegwiti fuq il-post issir referenza għall-*agreement* bejn il-partijiet, partikolarment paragrafu 4, fejn jingħad illi din is-*service fee "shall become due in full* *<u>when the designer has completed the working drawings, even where such mentioned works have not been completed</u>."* Madankollu,

f'dan ir-rigward l-esponent Perit Tekniku qed jikkonsidra li l-fażi tal-*working drawings* tinkludi wkoll it-*tender documents* u dan tenut kont illi paragrafu 5 fl-istess *agreement* dwar *"Progress Payments"* jaqsam is-servizzi ta' l-attur f'erba' fażijiet, bil-fażi li tiġi wara l-*working drawings* tkun dik tal-*bidding or negotiation phase*, u ċioe` l-fażi li tiġi wara l-ħruġ tat-*tender documents*. Għalhekk, f'dan ir-rigward l-esponent Perit Tekniku qed jikkonsidra li l-attur hu dovut is-*service fee* kollha għax-xogħlijiet li ma ġewx esegwiti fil-post f'każ illi l-attur kien lesta t-*tender documents*. Fin-nuqqas, l-esponent Perit Tekniku qed jikkonsidra li l-attur għandu jkun dovut perċentwal tas-*service fee* skond il-perċentwali indikati fl-istess paragrafu 5 ta' l-*agreement*, salv merti legali.

**20** Dwar il-VAT fuq il-fatturi, paragrafu 4 ta' l-*agreement* jispeċifika li din għandha tapplika fuq *"the contract value of the entire works carried out"*. Għalkemm hemm fatturi bħal dik ta' Andrew Vassallo u Renova li l-attur eskluda l-VAT minnhom meta kkalkula s-*service fee* dovuta lilu, l-esponent Perit Tekniku qed jikkonsidra li s-*service fee* għandha tapplika fuq il-fattura nkluż il-VAT billi l-VAT tifforma parti mill-*contract value of works,* salv merti legali.

**21** L-attur preżenta numru konsiderevoli ta' pjanti, dokumenti u *sketches,* li saret referenza ampja għalihom mill-konvenut fix-xhieda tiegħu. Dawn il-pjanti jinkludu x-xogħlijiet kollha li ħa ħsieb l-attur, anke dawk ix-xogħlijiet li m'hemmx kontestazzjoni dwarhom. Għalkemm il-konvenut issolleva li numru ta' pjanti huma ripetuti jew li ma ġewx preparati mill-attur, ma jirriżultax illi l-attur qed jitlob xi ħlas ulterjuri f'dan ir-rigward.

**22 L-esponent Perit Tekniku ser jgħaddi sabiex jitratta dwar kull *item* indikati aktar qabel fit-tabella filwaqt li ssir referenza għall-provi prodotti, partikolarment għad-dokumenti li fuqhom qed jibbażaw il-pretensjonijiet tagħhom il-partijiet Dok. CCX1 u Dok. AB2 :**

**23** Għalkemm il-fattura ta' Andrew Vassallo (Dok. AB3/Dok. AB10) tindika li l-ammont ta' Lm4,509 ma

jinkludix 15% VAT, minn Dok. CCX1 u Dok. AB2 jirriżulta li l-partijiet qed jaqblu li l-attur hu dovut *service fee* fuq l-ammont ta' Lm4,510.

**24** Dwar il-fattura ta' SAW l-attur qed jikkontendi li l-ammont hu Lm20,000 filwaqt illi l-konvenut qed jikkontendi li l-ammont hu Lm17,593. Mill-fattura Dok. AB7/Dok. AB14 jirriżulta li l-ammont huwa Lm20,232.41 inkluż il-VAT li minnhom għandu jitnaqqas skont ta' Lm232.40 skond fol. 142 tal-proċess. Għalhekk is-*service fee* għandha tapplika fuq l-ammont ta' Lm20,000.

**25** Fuq ix-xogħlijiet ta' St Anthony Woodworks l-attur qed jikkontendi li dawn jammontaw għal Lm24,699 filwaqt illi l-konvenut qed jikkontendi li dawn jammontaw għal Lm20,234. Mill-fattura preżentata mill-konvenut Dok. AB6/Dok. AB12 jirriżulta li l-ammont huwa Lm20,234 eskluż il-VAT. Ma tressqux provi oħra mill-attur f'dan ir-rigward. Għalhekk tenut kont din il-fattura inkluż 15% VAT, l-esponent Perit Tekniku qed jikkonsidra li s-*service fee* għandha tapplika fuq l-ammont ta' Lm23,269.10.

**26** Dwar ix-xogħlijiet ta' International Plastering Limited (IPL) l-attur qed jikkontendi valur ta' Lm14,000 filwaqt illi l-konvenut qed jikkontendi valur ta' Lm12,900. F'dan ir-rigward il-konvenut preżenta sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Dok. AB9 li kienet tirrigwarda talba għall-ħlas minn IPL kontra l-konvenut dwar l-istess xogħlijiet. Fl-istess sentenza kien deċiż illi l-valur ta' dawn ix-xogħlijiet jammonta għal Lm12,918.81 u għalhekk dan hu l-valur li qed ikun ikkunsidrat f' dan ir-rigward.

**27** Il-partijiet qed jaqblu dwar il-fattura ta' Halmann fl-ammont ta' Lm21,000.

**28** Il-partijiet qed jaqblu wkoll dwar il-fattura ta' Pantalesco fl-ammont ta' Lm10,337.

**29** Dwar il-fattura ta' Hydroelectric mhux talli l-partijiet qed jaqblu, talli l-konvenut qed jippretendi li għandu jħallas lill-attur aktar mis-*service fee* li qed jitlob l-istess attur. Dan billi fuq Dok. CCX1 l-attur indika valur ta'

Lm1,976.38 filwaqt illi fuq Dok. AB2 il-konvenut indika valur ta' Lm2,500.00. F' dan ir-rigward l-esponent Perit Tekniku jikkonsidra għalhekk illi s-*service fee* mitluba mill-attur fuq l-ammont ta' Lm1,976.38 għandha tkun dovuta.

**30** Dwar il-fattura ta' ECB li titratta dwar il-*counters* u l-*equipment* tal-kċina u l-*bars*, l-attur qed jitlob *service fee* fuq l-ammont ta' Lm43,085. Kif jirriżulta mill-*comparative statement* a fol 103 tal-proċess, din il-fattura tikkomprendi dawn l-erba' *items* :

1. *Roof Bar Counter* Lm 3,085
2. *Ground Floor Bar Counter* Lm 3,205
3. *Main Kitchen* Lm15,049
4. *Basement Self-Service* Lm21,746

Il-konvenut qed jikkontendi li l-attur m'għandu jitħallas xejn f' dan ir-rigward a bażi ta' Dok. AB2. Dwar il-kċina l-konvenut issottometta li hu kien diġa rranġa mal-kuntratturi qabel iltaqa' ma' l-attur u filwaqt illi l-konvenut qabel illi huwa kien inkariga lill-attur dwar ix-xogħlijiet tal-bejt, dwar il-*basement* il-konvenut xehed illi għal dan ix-xogħol huwa ma nkarigax lill-attur billi kellu *budget* u li l-attur għamel dan ix-xogħol mingħajr ma huma kienu ftiehmu. Il-konvenut kompla li i x-xogħlijiet fil-*basement* ma sarux u dan għadu fi stat ta' ġebel u saqaf. Madankollu, jirriżulta illi l-*agreement* bejn il-partijiet kien jinkludi, oltre r-*restaurant*, *"Multi-Purpose Room"* fil-*basement* li wara nbidlet għal *take-away self-service*. Jirriżulta wkoll illi l-attur ipprepara l-pjanti tal-kċina, tal-*bar*, tal-*bar* tal-bejt u kif ukoll tas-*self-service* u t-*tender documents* ta' dawn l-erba' *items* (li ġew preparati f' daqqa u jagħmlu referenza wkoll għall-pjanti rispettivi) flimkien mal-*comparative statement* u kif ukoll iltaqa' ma' diversi kuntratturi kif korraborat mill-istess konvenut li xehed illi l-attur kien ħadu għand "oħrajn bħal Forestals qabel ħarġet it-*tender*." Għal dawn ir-raġunijiet jirriżulta ampjament illi l-attur kien inkarigat fuq dawn l-erba' *items*, li minnhom ġew esegwiti biss fuq il-post il-*ground floor bar counter* u l-*main kitchen*. Billi irriżulta li l-attur kien lesta l-

*working drawings* (inkluż it-*tender documents*) ta' dawn l-erba' *items*, l-esponent Perit Tekniku jikkonsidra li l-attur hu dovut is-*service fee* sħiħa fuq l-ammont kollu ta' Lm43,085 a bażi ta' paragrafu 4 ta' l-*agreement*.

**31** Dwar il-fattura ta' Elkron l-attur qed jikkontendi valur ta' Lm1,400 filwaqt illi l-konvenut qed jikkontendi valur ta' Lm1,275. Mill-fattura preżentata mill-konvenut Dok. AB4 jirriżulta li l-valur huwa Lm1,275 eskluż il-VAT. Għalhekk tenut kont din il-fattura inkluż 15% VAT, jirriżulta li l-valur pretiż mill-konvenut inkluż il-15% VAT (Lm1,466.25) jissupera l-valur pretiż mill-istess attur. F'dan ir-rigward l-esponent Perit Tekniku jikkonsidra għalhekk illi s-*service fee* mitluba mill-attur fuq l-ammont ta' Lm1,400 hi dovuta.

**32** Dwar ix-xogħlijiet ta' *Steel Works* l-attur qed jikkontendi li huwa għandu jitħallas *Service Fee* fuq valur stmat ta' Lm500 filwaqt illi l-konvenut qed jikkontendi li l-attur m'għandu jitħallas xejn f' dan ir-rigward a bażi ta' Dok. AB2. Il-konvenut issottometta li dawn ix-xogħlijiet huma parti inkorporati fil-kont ta' SAW u parti oħra fil-kont ta' Andrew Vassallo. Billi l-attur ma ressaqx provi sabiex jissostanzja s-servizzi provduti minnu dwar dawn ix-xogħlijiet ta' ħadid *extra*, l-esponent Perit Tekniku jikkonsidra li l-attur mhux dovut *Service Fee* f'dan ir-rigward.

**33** Għalkemm l-attur issottometta li huwa għamel superviżjoni ta' kull ma sar fil-post, jirriżulta li għax-xogħol tal-bini kien hemm responsabbli l-Perit Valentino. L-attur xehed illi dwar ix-xogħlijiet tal-bennej hu ma ħejjiex *tender* iżda l-bennej ħadem fuq il-pjanti tiegħu. Jirriżulta li dawn ix-xogħlijiet ta' bini kienu jikkonsistu fi *structural alterations* li kienu jinkludu l-*public toilets* u dettalji stutturali tal-*multipurpose hall*. Jirriżulta :

1. Illi l-attur prepara pjanti tat-*toilets* fil-*basement* u fil-*ground floor.*
2. Illi l-attur mhux qed jitlob *Service Fee* għat-*toilets* tal-bejt li twaqqgħu.
3. Illi ma ġew preżentati ebda dettalji strutturali.

Għalkemm il-konvenut issottometta illi s-*Service Fee* ta' l-attur fuq dawn it-*toilets* hija mdaħħla fil-fattura ta'

Halmann, l-esponent Perit Tekniku jikkonsidra li l-attur hu dovut *Service Fee* dwar dawn it-*toilets* fil-*basement* u fil-*ground floor* billi huwa ħejja l-pjanti tagħhom *oltre* l-fattura ta' Halman li tikkonċerna ċ-ċeramika. Madankollu, tenut kont id-daqs ta' dawn it-*toilets*, l-esponent Perit Tekniku jikkonsidra li l-attur għandu jkun dovut Service Fee sħiħa fuq valur ta' Lm1,000 għat-*toilets* li nbnew fil-ground floor u 35% tas-*Service Fee* fuq valur ta' Lm1,000 għat-*toilets* li ma nbnewx fil-*basement* billi ma tħejjietx *tender* fuqhom.

**34** Il-partijiet qed jaqblu dwar il-fattura ta' Renova fl-ammont ta' Lm8,000 skont il-fattura Dok. AB11.

**35** Dwar il-fattura ta' Bogesunds UK l-attur qed jikkontendi valur ta' Lm6,733 filwaqt illi l-konvenut qed jikkontendi valur ta' Lm6,160. Il-konvenut issottometta illi l-valur ta' 6,733 huwa f'Liri Sterlini u f'dan ir-rigward preżenta l-fattura relattiva bħala Dok. AB5. Għalhekk, l-esponent Perit Tekniku jikkonsidra li l-attur huwa dovut *Service Fee* fl-ammont ta' Lm4,469.69 kif jirriżulta mill-*Payment Advice* Dok. AB13.

**36** Dwar ix-xogħlijiet ta' *Upholstery* l-attur qed jikkontendi li huwa għandu jitħallas *Service Fee* fuq valur stmat ta' Lm300 filwaqt illi l-konvenut qed jikkontendi li l-attur m'għandu jitħallas xejn f'dan ir-rigward skont Dok. AB2. Il-konvenut issottometta li dawn ix-xogħlijiet huma inkorporati fil-kont ta' SAW. Billi l-attur ma ressaqx provi sabiex jissostanzja s-servizzi provduti minnu dwar dawn ix-xogħlijiet, l-esponent Perit Tekniku jikkonsidra li l-attur mhux dovut *Service Fee* f'dan ir-rigward.

**37** Dwar l-*aquarium* l-attur qed jikkontendi li huwa għandu jitħallas *Service Fee* fuq valur stmat ta' Lm1,000 filwaqt illi l-konvenut qed jikkontendi li l-attur m'għandu jitħallas xejn f' dan ir-rigward a bażi ta' Dok. AB2. Il-konvenut issottometta li l-*aquarium* kien ideja ta' l-attur mingħajr ma ordnaha hu u żied illi l-*aquarium* ma sarx. L-attur issottometta li l-konvenut ordna dan l-*aquarium* u preżenta l-pjanta tiegħu bħala Dok. R144 a fol 64 tal-proċess. Għalhekk l-esponent Perit Tekniku jikkonsidra li l-attur hu dovut 35% tas-*Service Fee* għall-pjanta mħejjija

minnu fuq il-valur stmat ta’ Lm1,000 billi jirriżulta li dan l-*aquarium* ma sarx fil-post u l-attur ħejja biss id-disinn u mhux it-*tender documents.*

**38** Dwar il-*lifts* l-attur qed jikkontendi valur ta’ Lm30,850 filwaqt illi l-konvenut qed jikkontendi li l-attur m’hu dovut ebda *Service Fee* f’ dan ir-rigward. Jirriżulta li l-attur ħejja *survey*, *detailed drawings*, *specifications*, *bills of quantities u tender document,* ikkuntattja kuntratturi biex jikkwotaw u jispjegalhom it-*tender* u ħejja t-*technical report*. Dan it-*tender* kien jikkomprendi ħames *lifts*: *Passenger Lift, Service Goods Lift*, żewġ *Dumbwaiters* u *Lifting Platform*. Għalkemm il-konvenut issottometta li l-*lifts* ma sarux għaliex kellu *enforcement notice* mill-MEPA, l-esponent Perit Tekniku jikkonsidra li, billi l-attur ħejja t-*tender documents*, l-attur hu dovut *Service Fee* sħiħa dwar il-*lifts* a bażi ta’ paragrafu 4 ta’ l-*agreement*. Jirriżulta li l-attur qed jibbaża l-valur ta’ Lm30,850 skont ittra rilaxxata minn Panta Marketing & Services Limited. Madankollu, billi mix-xhieda ta’ l-attur jirriżulta li huwa bbaża t-talba tiegħu fuq l-orħos offerta, l-esponent Perit Tekniku qed jikkonsidra l-orħos offerta ta’ Lm28,300 f’ dan ir-rigward.

**39** Fil-fond fil-kwistjoni kien hemm proġettati żewġ *bar counters*, wieħed fil-*ground floor* u l-ieħor fuq il-bejt. Kemm għal dak li jirrigwarda *equipment* u kif ukoll injam, jirriżulta li dawn iż-żewġ *bars* huma inklużi fil-fatturi ta’ SAW, ECB u CTB. Għalhekk l-esponent Perit Tekniku jikkonsidra li l-attur mhux dovut *Service Fee* għal Frizoll *bar counter* stmat fl-ammont ta’ Lm1,500.

**40** Dwar ix-xogħlijiet ta’ *bar counter* u *canopy* fuq il-bejt minn CTB, l-attur qed jikkontendi valur ta’ Lm3,576 filwaqt illi l-konvenut qed jikkontendi li l-attur m’hu dovut l-ebda *Service Fee* f’dan ir-rigward billi x-xogħol ma sarx għax twaqqaf mill-MEPA u billi hu ma qabbadx lill-attur jagħmel xogħol tal-*bar* tal-bejt. L-esponent Perit Tekniku jikkonsidra li billi l-attur ħejja pjanti u *tender document* għal dawn ix-xogħolijiet, liema *tender* kienet tikkomprendi xogħlijiet oħra li saru bħall-*bar* tal-*ground floor*, *partitions*, bibien, siġġijiet u mwejjed, l-attur hu dovut *Service Fee* dwar il-*bar counter* u *canopy* tal-bejt a bażi ta’ paragrafu 4

ta' l-*agreement*. Jirriżulta li l-attur qed jibbaża l-valur ta' Lm3,576 fuq l-istima ta' CTB a fol 108 tal-proċess (li pero` tindika valur ta' Lm640 għall-*bar* u Lm3,546 għall-*canopy*). Madankollu, billi mix-xhieda ta' l-attur jirriżulta li huwa bbaża t-talba tiegħu fuq l-orħos offerta, l-esponent Perit Tekniku qed jikkonsidra l-orħos offerta ta' Lm3,331.55 f' dan ir-rigward.

**41** Dwar l-*Electrical Works* l-attur qed jikkontendi valur ta' Lm18,000 filwaqt illi l-konvenut qed jikkontendi li l-attur m'hu dovut l-ebda *Service Fee* f'dan ir-rigward billi huwa kellu lill-enġiniera Camilleri & Cuschieri joħdulu ħsieb dan ix-xogħol. F' dan ir-rigward jirriżulta li kien sar *meeting* bejn il-konvenut, l-attur u l-enġiniera fejn sar ftehim illi "fejn hu disinn jitħallas l-attur u fejn huma nvoluti servizzi jitħallsu l-enġiniera*."* Għalkemm l-attur issottometta li huwa għamel superviżjoni ta' kull ma sar fil-post, l-*electrician* Joe Brownrigg xehed illi t-*tender* ta' l-*electrical works* kienet saret minn Camilleri & Cuschieri li kienu jissuperviżjonaw xogħlu. Billi jirriżulta li l-attur ħejja xi pjanti bil-pożizzjoni ta' l-*electrical fittings*, l-esponent Perit Tekniku jikkonsidra li, għalkemm l-*Electrical Works* jirriżultaw illi saru, l-attur hu dovut 25% tas-*Service Fee* għall-pjanti mħejjija minnu fuq il-valur stmat ta' Lm18,000*.*

**42** Dwar ix-xogħlijiet ta' Guillaumier għall-madum tas-suffetti, l-attur qed jikkontendi li huwa għandu jitħallas *Service Fee* fuq valur ta' Lm900 filwaqt illi l-konvenut qed jikkontendi li l-attur m' għandu jitħallas xejn f'dan ir-rigward a bażi ta' Dok. AB2. Jirriżulta li x-xogħlijiet ta' suffetti saru minn International Plastering Limited (IPL). Billi l-attur ma ressaqx provi sabiex jissostanzja s-servizzi pprovduti minnu dwar dan il-materjal (u mhux xogħol) ipprovdut minn Guillaumier, l-esponent Perit Tekniku jikkonsidra li l-attur mhux dovut *Service Fee* f' dan ir-rigward.

**43** Fuq Dok. AB2 il-konvenut indika wkoll valur għax-xogħlijiet ta' Kevin fl-ammont ta' Lm1,050 li billi mhux inkluż fit-talba ta' l-attur (skond Dok. CCX1) l-esponent Perit Tekniku qed jikkonsidra li l-attur m'hu dovut l-ebda *Service Fee* f'dan ir-rigward.

**44** Fuq Dok. AB2 il-konvenut indika wkoll valur għax-xogħlijiet ta' Calleja fl-ammont ta' Lm329 li billi mhux inkluż fit-talba ta' l-attur (skont Dok. CCX1) l-esponent Perit Tekniku qed jikkonsidra li l-attur m'hu dovut l-ebda *Service Fee* f'dan ir-rigward.

**45** Permezz ta' Dok. AB2, il-konvenut qed jitlob tnaqqis favur tiegħu ta' Lm438 mill-kont ta' l-attur għal drapp li huwa kien forna lill-attur. Dan it-tnaqqis mhux qed jiġi kkunsidrat favur il-konvenut billi l-konvenut ma ressaqx kontrotalba f' dan ir-rigward.

**46** Billi l-*agreement* jispeċifika illi *"any sales tax shall be paid by the client on the service* fee", l-esponent Perit Tekniku jikkonsidra li fuq il-perċentwali ta' 5% *Service Fee* għandha tiżdied ukoll ir-rata ta' VAT applikabbli fiż-żmien li saru x-xogħlijiet ta' 15%, salv merti legali.

**47** Mid-dikjarazzjoni ġuramentata tal-konvenut man-nota ta' eċċezzjonijiet, mix-xhieda tal-konvenut, mid-dikjarazzjoni ta' l-attur maċ-ċitazzjoni u mill-kontijiet ta' l-attur Dok. 2 a fol. 6 tal-proċess u Dok. JVX1, jirriżulta li l-partijiet qed jaqblu li l-konvenut ħallas Lm5,100 akkont lill-attur.

**48 Għalhekk jirriżulta illi l-attur hu dovut is-*Service Fee* kif indikat f' din it-tabella :**

| | Dok. CCX1 ATTUR Lm | Dok. AB2 KONVENUT Lm | PARA | SERVI[C] FEE Lm |
|---|---|---|---|---|
| Andrew Vassallo | 225.50 | 225.50 | 23 | 225.50 |
| SAW | 1,000.00 | 879.65 | 24 | 1,000.0 |
| St Anthony Woodworks | 1,234.95 | 1,011.70 | 25 | 1,163.4 |
| IPL | 700.00 | 645.00 | 26 | 645.94 |
| Halmann | 1,050.00 | 1,050.00 | 27 | 1,050.0 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Pantalesco | 516.85 | 516.85 | 28 | 516.85 |
| Hydroelectric | 98.82 | 125.00 | 29 | 98.82 |
| ECB | 2,154.25 | | 30 | 2,154.2 |
| Elkron | 70.00 | 63.75 | 31 | 70.00 |
| *Steel Works* | 25.00 | | 32 | 0.00 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Bennej | 300.00 | | 33 | 67.50 |
| Renova | 400.00 | 400.00 | 34 | 400.00 |
| Bogesunds UK | 336.65 | 308.00 | 35 | 223.48 |
| *Upholsterer* | 15.00 | | 36 | 0.00 |
| *Aquarium* | 50.00 | | 37 | 17.50 |
| *Lifts* | 1,542.50 | | 38 | 1,415.0 |
| Frizoll | 75.00 | | 39 | 0.00 |
| CTB | 178.80 | | 40 | 166.58 |
| Electrical Works | 900.00 | | 41 | 225.00 |
| S. Guillaumier | 45.00 | | 42 | 0.00 |
| Kevin | | 52.50 | 43 | 0.00 |
| Calleja | | 16.45 | 44 | 0.00 |
| Tnaqqis | | (438.00) | 45 | 0.00 |
| SUB-TOTAL | 10,918.32 | 4,856.40 | | 9,439.8 |
| VAT | 1,965.30 (bl-18%) | | 46 | 1,415.9 (bil-15% |
| ĦLAS AKKONT | (5,100.00) | (5,100.00) | 47 | (5,100. |
| TOTAL Lm | 12,883.62 | (244.00) | | 5,755.8 |

**49** Dwar l-imgħaxijiet legali, billi dan huwa mertu legali, l-esponent Perit Tekniku jissolleva s-segwenti :

1. Illi x-xogħlijiet tlestew fis-sena 2001.
2. Il-kont ta' l-attur li fuqu hija bbażata din il-kawża huwa datat 30 ta' Ġunju 2004.
3. L-ittra uffiċjali msemmija fiċ-ċitazzjoni hi datata 21 ta' Mejju 2004.

**50 KONKLUŻJONIJIET**

**51 Is-*Service Fee* dovuta lill-attur mill-konvenut rigwardanti xogħlijiet fi Blue Creek Restaurant f'Għar Lapsi, Siggiewi tammonta għal wieħed u għoxrin elf, disa' mija u disgħa u tmenin Euro u ċenteżmu (€21,989.01 = Lm9,439.88).**

**52 L-attur hu dovut ukoll l-ammont ta' tlett elef, mitejn u tmienja u disgħin Euro u ħamsa u tletin ċenteżmi (€3,298.35 = Lm1,415.98) bħala VAT bir-rata ta' 15%.**

**53 Minn dan l-ammont il-konvenut ħallas ħdax-il elf, tminn mija u disgħa u sebgħin Euro u tmenin ċenteżmi (11,879.80 = Lm5,100) akkont lill-attur.**

**54 Għalhekk it-talba ta' l-attur fl-ammont ta' Lm7,783.36 għandha tiġi ridotta għal tlettax-il elf, erba' mija u sebgħa Euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmi (€13,407.55 = Lm5,755.86).**

**55 Salv merti legali, partikolarment dwar il-VAT u kif ukoll dwar l-imgħaxijiet legali."**

Gew prezentati wkoll domandi in eskussjoni, fejn fost affarijiet oħra semma li kif qal f'paragrafu 19, l-attur hu dovut is-*service fee* kollha għax-xogħlijiet li ma ġewx esegwiti fil-post f'każ illi l-attur kien lesta t-*tender documents*. Zied li *working drawings* huma pjanti bid-dettalji kollha sabiex fuqhom kuntrattur ikun jista' joħroġ stima u anke jaħdem ix-xogħol mingħajr il-ħtieġa ta' aktar informazzjoni mingħand id-disinjatur. Fil-każ in eżami, ix-xogħlijiet li ikkunsidra li l-attur għandu jitħallas perċentwal tas-*service fee* avolja huwa kien lesta xi pjanti, huma dawk rigwardanti t-*toilets* (paragrafu 33 tar-relazzjoni valur Lm1,000), l-*aquarium* (paragrafu 37 valur Lm1,000) u x-xogħlijiet ta' l-elettriku (paragrafu 41 valur Lm18,000). Meta wieħed janalizza l-pjanti preparati mill-attur għal dawn ix-xogħlijiet jidher ċar illi dawn il-pjanti m'humiex *working drawings* billi huma nieqsa minn dettalji bħal materjali u xi dimensjonijiet li wieħed normalment isib fil-*working drawings*. Għal dawn ir-raġunijiet ikkonkluda li f'dawn il-każi, avolja l-attur kien lesta l-pjanti, huwa mhux dovut is-*service fee* sħiħa fir-rigward.

Kompla li t-*tender documents* isiru wara li jiġu preparati l-pjanti. *Working drawings* fit-termini ta' l-*agreement* in eżami huma l-pjanti flimkien mat-*tender documents* billi kif ingħad fl-ewwel tweġiba l-pjanti mħejjija mill-attur għax-xogħlijiet tat-*toilets*, *aquarium* u elettriku ma jistgħux jiġu kunsidrati bħala *working drawing*.

Qabel li l-*Progress Payments* jistabbilixxu biss li l-hlas ghandu jinqasam.

Mistoqsi ghaliex l-attur ghandu jircievi VAT ta' 15% u mhux 18% gjaladarba l-hlas dovut lilu ser isir issa, wiegeb hekk:
"Jirriżulta li x-xogħlijiet saru qabel l-2004 meta r-rata tal-VAT kienet 15%, tant illi fil-fattura tal-attur Dok. 2 datata 30 ta' Ġunju 2004 (meta r-rata tal-VAT telgħat għal 18%) tinkludi rata ta' 15% għalkemm is-somma mniżżla inħadmet fuq 18%. L-esponent ikkonsidra illi minn aspett tekniku ir-rata li għandha tapplika hija dik ta' 15% meta saru x-xogħlijiet billi minn aspett tekniku ma jagħmilx sens illi wieħed jagħmel is-servizzi meta r-rata tkun 15% u jibgħat il-kont kif taqleb is-sena ħalli jżid ir-rata għal 18%. Tant hu hekk, illi anke meta qalbet is-sena 2003/2004 kien sar aġġustament fil-VAT billi ċertu irċevuti baqgħu joħorġu bil-15% fis-sena 2004 għal xogħlijiet li kienu saru qabel. Dan dejjem salv merti legali kif ġja ġie dikjarat fir-relazzjoni."

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET:

***<u>D1. Fatti tal-kaz:</u>***

Irrizulta li l-konvenut kien inkariga lill-attur jezegwixxi xoghol ta' appalt ta' *interior design* fil-Blue Creek Restaurant, Ghar Lapsi, is-Siggiewi. Il-partijiet iffirmaw *Design Service Agreement* fl-10 ta' Mejju 1999 kif jirrizulta mid-Dokument a fol 5 tal-process. Fih jissemma li d-*Designated Areas* fil-paragrafu 1 u jinghad li:
*"The designer* (l-attur) *shall undertake the design of Għar Lapsi Bar & Restaurant and Multi-Purpose Room."*

It-tieni u t-tielet klawsola ta’ l-imsemmi ftehim jirrigwardaw aspetti ta’ *design service* u *copyright*. Ir-raba’ sezzjoni ta’ l-agreement tispecifika kif gej:
“*The parties agree that in consideration of the provision of the abovementioned services, the designer shall be entitled to a service fee of per centum points on the contract value of the entire works carried out in the desgnated area as follows*:...”

Ma hemmx skop li titnizzel l-iskeda ghax mhux kontestat li l-valur tax-xogholijiet jissupera t’Lm80,000 u li ghalhekk ir-rata trid tkun ta’ 5%. Jinghad ukoll li:
“*Provided that for the purposes of this section the contract value shall be deemed to include all works carried out in the designated area or with a view of being installed therein, including contracted work and other incidental work.*

*Provided further that such payment shall become due in full when the designer has completed the working drawings, even where such mentioned works have not been completed.*

*Any sales tax shall be paid by the client on the service fee.”*

Fil-hames parti l-*agreement* jitkellem dwar il-*progress payments*.

Permezz tal-kont Dok. 2 datat 30 ta’ Ġunju 2004 a fol 6 tal-process, l-attur talab hlas ta’ 5% fuq Lm218,366.38 valur f’xoghlijiet, cioe` Lm10,918.31, flimkien ma’ 18% VAT fl-ammont ta’ Lm1,965.29 (għalkemm fuq il-kont hemm indikat 15% VAT jidher illi l-attur applika r-rata ta’ 18% li hija r-rata li kienet dahlet fis-sehh fl-2004) li jhalli bilanc ta’ Lm7,783.60 billi l-konvenut kien hallsu Lm5,100.00 akkont.

Min-naha l-ohra, fid-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu, il-konvenut iddikjara li l-valur tax-xogħlijiet li ħa ħsiebhom l-attur hu ta’ Lm92,276.00 u għalhekk is-*service fee* dovuta

lill-attur kellha tammonta għal Lm4,613.00. Il-konvenut iddikjara wkoll illi l-attur kien talbu jħallas l-ammont ta' Lm4,900 li jirriżulta minn Dok. JVX1, liema kont huwa *provisional estimate of cost* u anqas jinkludi VAT. Il-konvenut ikkontenda li huwa ma fadallu jagħti xejn lill-attur.

Kif semma l-abili Perit Tekniku, jirriżulta s-segwenti :
"1. Illi l-partijiet qed jaqblu li s-*service fee* dovuta lill-attur hi ta' 5% fuq il-valur tax-xogħlijiet.
2. Illi l-attur qed jikkontendi li fuq din is-*service fee* għandha tapplika 18% VAT filwaqt illi l-konvenut qed jikkontendi li m'għandha tapplika l-ebda VAT.
3. Illi ċerti valuri tax-xogħlijiet ma jaqblux partikolarment billi f'ċerti każi tnaqqset il-VAT fuq il-fattura mill-konvenut.
4. Illi l-konvenut qed jikkontendi li għal ċertu xogħlijiet l-attur m'għandux jitħallas :
(a) Jew għax l-attur ma kienx inkarigat jagħmilhom.
(b) Jew għax l-attur ma kienx involut fihom.
(c) Jew għax ix-xogħlijiet ma gewx esegwiti fil-post."

***<u>D2. Konkluzjonijiet tar-rapport peritali:</u>***

Din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet milhuqa mill-Perit Tekniku, hlief ghal dak li ser jigi specifikat aktar 'l isfel. Taqbel li l-hlas ghal servizz professjonali ta' *interior designer* ikun dovut kollu lil Camilleri da parti ta' Baldacchino gjaladarba l-attur lesta l-*working drawings*, irrespettivament jekk wara l-klijent jaghmilx ix-xoghol jew le. Dan jirrizulta car mit-tieni *proviso* tas-*Service Fee* fid-*Design Service Agreement* gja ikkwotat li specifikament isemmi li l-ammont ikun dovut "*even where such mentioned works have not been completed*."

Fin-nota tieghu l-attur jghid:
"Dwar ix-xoghol li sar mis-socjeta` *Hydroelectric,* paragrafu 29 tar-rapport, Camilleri kellu informazzjoni li l-valur tax-xoghol kien ta' Lm1,976.38, filwaqt li fil-verita` l-valur tax-xoghol kien ta' Lm2,500 skond prova pprezentata mill-konvenut stess. La darba l-konvenut ma

kienx ta kopja tal-fattura ta' *Hydroelectric* lill-attur, dan ta' l-ahhar ma setghax jasal ghal valur ezatt tax-xoghol li sar u ghaldaqstant ma setghax jitlob l-ammont ta' *service fee* kollu. Baldacchino kien obbligat li meta l-kuntratturi jipprezentaw il-fatturi taghhom lilu huwa jaghti kopja lil-attur sabiex dan jitlob 5% tal-valur tal-fattura lill-klijent.

Dan Baldacchino qatt ma ghamlu. Ma jistghax il-konvenut jiehu vantagg min-nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet tal-ftehim da parti tieghu u b'rizultat ta' hekk jigi ridott is-*service fee* ta' l-attur. Jekk il-valur ta' xoghol li *Hydroelectric* ghamlet fil-fond tal-konvenut kien jiswa Lm2,500 u mhux Lm1,9763.38 kif l-attur haseb, allura l-attur ghandu jithallas *service fee* ta' 5% fuq Lm2,500. L-istess principju ghandu jigi applikat ghax-xoghol ta' *steel works* [paragrafu 32], xoghol ta' *upholstery* [paragrafu 36], xoghol li sar minn Kevin [paragrafu 43] u xoghol ta' Calleja [paragrafu 44]. Rigward dawn ix-xogholijiet, l-attur ghandu jiehu *service fee* fuq il-valur reali tax-xoghol li sar."

***<u>D3. L-ammont dovut fuq ix-xoghol ta' Hydroelectric:</u>***

Dwar il-Hydroelectric, l-attur indika valur ta' Lm1,976.38 filwaqt li fuq Dokument AB2, il-konvenut indika valur ta' Lm2,500. Jidher li r-raguni ta' din kienet li l-konvenut ma kienx ghadda lill-attur il-fattura u li ghalhekk l-attur ma setax jasal ghall-valur ezatt tax-xoghol. Naturalment il-konvenut kellu l-obbligu li jghaddi l-fattura lill-attur. Izda dwar dan l-aspett, fid-domanda in eskussjoni l-Perit Saliba spjega li l-attur ibbaza t-talba tieghu ghall-hlas ta' Lm7,783.36 u ma talabx somom verjuri. Din hija ibbazata fuq ammont globali ta' xogholijiet ta' Lm218,366.38 li jirrizulta minn Dokument CCX1 prezentat mill-attur. Jekk wiehed kellu jilqa' l-argument ta' l-attur imressaq fin-nota tieghu, wiehed ikun qed imur *ultra petita* kif jidher mill-*breakdown* dettaljat a fol 6 tal-process. L-istess argument hu applikabbli ghal xoghol ta' *steel works*, eccetera.

***<u>D4. L-ammont ta' VAT dovut:</u>***

Jinghad li fil-kawza fl-ismijiet **El Dara Limited vs Emanuel u Brigitta konjugi Galea** (Rikors Numru 1013/09FS), deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fid-19 ta' April, 2011 hemm riportat ix-xhieda moghtija fil-kawza

minn Paul Scicluna li jahdem mal-VAT Department fil-kariga ta’ Spettur tal-VAT. Hu semma li l-VAT giet *in vigore* fl-1998 u giet effettiva mill-01/01/1999 b’rata ta’ 15% imbaghad giet awmentata ghal 18% mil-1 ta’ Jannar 2004. Mistoqsi jekk sar awment u allura trid tithallas il-VAT ghal perjodu ta’ qabel l-2004 u mistoqsi allura b’liema rata din trid tigi mhallsa meta din ser tingabar issa u cioe` wara l-2004 irrisponda li t-taxxa li qed tigi dikjarata llum trid tithallas bir-rata tal-lum mhux ta’ dik id-data partikolari. La jkun qieghed ihallas illum, illum irid ihallas bl-18% anka jekk riferibbli ghal zmien qabel l-2004.

Dana jwassal ghall-fatt li dak li gie mhallas qabel, u cioe` Lm5,100, kellu jithallas bhala VAT bil-15% waqt li l-bilanc bit-18%. Izda jinghad li bhal kif issemma fl-aspett precedenti, it-talba ta’ l-attur kienet bazata fuq VAT bil-15% u ma tirreferix ghal somma verjuri b’mod li jidher car mid-dokument a fol 6 tal-process li dak li kien qed jintalab bhala VAT kien bir-rata ta’ 15% u ghalhekk il-Qorti ma tistax tmur *ultra petita*. Ghalhekk dan iwassal li xorta wahda l-kalkoli tal-Perit jigu tajba.

***D5. Imghaxijiet:***

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Maria Lourdes Brincat vs Giuseppe Brincat *et*** (Citazz. Nru.: 448/87FS) deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fis-17 ta’ Marzu, 2010 inghad:

“Fuq dan l-aspett il-Qorti tirrileva li dwar imghax jinghad li l-principju generali hu li dan jiddekorri minn meta l-ammont dovut ikun gie likwidat. Il-principju hu li *in illiquidis non fit mora* ghax l-imghax ghandu jghaddi biss minn meta l-ammont huwa cert, likwidu u skadut u cioe` mhux minn xi somma da likwidarsi, fejn l-ammont mitlub jirrizulta li mhux kollu dovut. Jekk l-ammont ma jkunx likwidu d-debitur ma jkunx jaf kemm ghandu jhallas u mnhabba f’hemm ma jkunx jista’ jhallas u ghalhekk ma jkunx moruz fil-pagament. Dan il-principju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma jistax jinghad li jkun kostitwit ***in mora***. Ara f’ dan is-sens dawn is-sentenzi fejn il-gurisprudenza tista’ tghid hija pacifika:

**Salvatore Camilleri noe vs Candida Dimech *ed altri*** (9 ta' April, 1877) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet illi:
"…………..*il debitore di una somma non liquida non deve interessi se non dal giorno della liquidazione*…………."

**Negoziante Vincenzo Strati vs Tito Boselli *noe*** (18 ta' Ottubru, 1909) fejn il-Qorti Kummercjali rriteniet illi:
"*I crediti illiquidi, sebbene commerciali, non producono interessi che dal giorno della liquidazione*".

**Mallia Tabone Utrinque –** 8 ta' Dicembru, 1903

**Filippo Farrugia Gay vs. Padre Antonio Buhagiar dei Minori Conventuali *noe*** (12 ta' Mejju, 1916) fejn il-Qorti ta' l-Appell qatghet illi:
"*Ma non essensdo chiesta una somma liquida, gli interessi non possono decorrere che dalla data della liquidazione, la quale nel caso sotto esame segue mediante la presenti decisione*".

**Vincente Grech et vs. Onor. Prof. AIC John Gatt *noe*** (24 ta' Ottubru, 1941) fejn il-Qorti ta' l-Appell ghal darb'ohra qatghet illi:
" ………….meta s-somma ma tkunx likwidata l-imghax jibda jiddekorri mill-gurnata tal-likwidazzjoni".

**Maria Ellul Bonnici *et* vs Felice Mercieca *et noe*** (26 ta' April, 1950) Qorti Civili Prim'Awla:
"L-imghaxijiet ma humiex dovuti mill-gurnata tat-talba meta d-debitu jkun incert u illikwidu, izda mill-jum tal-likwidazzjoni u ta' l-approvazzjoni taghha".

**William Sare` vs Carmel sive Charles Sammut –** Qorti ta' l-Appell 29 ta' Mejju, 1988.

**Anthony Mercieca vs in-Nobbli Salvino Testaferrata Moroni Viani et** (16 ta' Dicembru, 1991):
"Ammont likwidu jew ammont illikwidu huma espressjonijiet ekwivalenti ghal ammont determinat jew ammont indeterminat u dawn huma dejjem riferibbli ghall-pretensjonijit avvanzata fit-talba ta' l-attur. Huwa l-attur li jiffissa t-termini tal-pretensjoni tieghu u huwa jaghzel jekk

jitlobx ammont minnu determinat jew jitlob ammont indeterminat li ghandu jigi determinat mill-Qorti".

**Anthony Buhagiar pro et noe vs Edward Scerri** – App Civili Superjuri tat-30 ta' Marzu, 2001.

Irid jinghad li kien hemm xi eccezzjonijiet ta' meta l-Qrati taghna hassew li l-imghax setgha jkun dovut qabel. Hekk insibu li fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Francis Xavier Aquilina vs Andrew Mamo nomine** deciza fid-19 ta' Novembru 2001 inghad:
"Din il-Qorti allura mhix qeghda b'mod kategoriku tghid illi ma jistghux jezistu cirkostanzi fejn l-imghax ikunu wkoll dovuti fuq ammont li ma jkunx ghadu materjalment gie likwidat bl-applikazzjoni tal-principju *in illiquidis not fit mora*, specjalment fejn ir-responsabilita' ghad-danni tkun giet ammessa. Il-gurisprudenza illi l-attur "ma setghax jitlob interessi anterjuri ghall-prezentata tac-citazzjoni ghaliex hu ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrali li f'kawza ta' likwidazzjoni jinghataw biss interessi mid-data tas-sentenza..........." hi s-suggett ta' zvilupp gurisprudenzjali li ghad irid jigi verifikat.

***Omissis***

B'dana kollu din il-Qorti f'kawza b'mertu bhal dak taht ezami ma kellhiex tonqos li tesplora l-possibilita' li dak il-principju jkun temperat fejn tkun ovvja <u>l-assunzjoni ta' responsabilita' ghall-hlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta' likwidita' tkun tirreferi ghal ammont pretiz, u mhux ghall-accettazzjoni tar-responsabilita' ghall-hlas tieghu.</u> Fejn imbaghad l-ammont effettivament likwidat ikun jirrizulta li hu sostanzjalment l-istess bhal dak pretiz mill-kreditur, il-Qorti setghet tqis li kienu jokkorru cirkostanzi fejn kellha tassigura li d-debitur ma jigix avvantaggjat semplicement mir-riluttanza tieghu li jhallas bl-iskuza li l-ammont ma kienx determinat gudizzjarjament, billi jiffranka l-hlas ta' l-imghax sakemm l-ammont jigi definittivament likwidat." [kliem sottolineat minn din l-Qorti]

Posizzjoni simili ittiehdet fil-kawza deciza mill-Prim'Awla fil-kawza fl-ismijiet **Citadel Insurance p.l.c. vs Johann**

**Ciantar** deciza fl-20 ta' Gunju 2002 [Imh J R Micallef] fejn jinghad:
"Hija wkoll il-fehma taghha li meta talba ghall-hlas ta' danni hija maghrufa jew facilment determinabbli sa minn qabel jinbdew il-proceduri gudizzjarji li jkollhom jittiehdu biex jintalab dak il-hlas, l-imghax ghandu jiddekorri minn dak inhar li ssir l-ewwel intima b'att gudizzajrju (jekk dan ikun sar) u mhux minn dak inhar li eventwalment tinghata s-sentenza li tikkonferma dak l-ammont;" [kliem sottolineat minn din l-Qorti]

Fil-kawza deciza mill-Prim' Awla fis-16 ta' Ottubru, 2002 fl-ismijiet **Blye Engineering Company Limited vs Paolo Bonnici Limited** [Imh G Valenzia] b'referenza ghal *in illiquidis non fit mora* inghad:
"Din il-massima ma ghandiex applikazzjoni assoluta u jista' jkun hemm kazi fejn il-Qorti ma tapplikahiex, ghaliex diversament tkun qedgfha taghti vantagg lid-debitur. Kaz bhal dan huwa meta l-likwidazzjoni ma tkunx tista' ssir minhabba htija tad-debitur. Fuq din il-kwistjoni ikkummenta Giorgi (Teor Obbligaz Vol III pag 202). U ara sentenza Vol LXXXI-I-359 **Schembri vs Dr. L. Buhagiar** 28/2/1997.

Ghalhekk il-principju generali hu li *in illiquidis non fit mora* ghax l-imghax ghandu jghaddi biss minn meta l-ammont huwa cert, likwidu u skadut ghalkemm tezisti l-possibilita' li dak il-principju jkun temperat fejn tkun ovvja l-assunzjoni ta' responsabilita' ghall-hlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta' likwidita` tkun tirreferi ghal ammont pretiz, u mhux ghall-accettazzjoni tar-responsabilita` ghall-hlas tieghu."

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi, tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut li t-talba attrici hija superfluwa guridikament ghax anzi tidher parzjalment gustifikata.

Tichad it-tieni eccezzjoni li l-ammont bilancjali mhux dovut u li dan jissupera s-*Service Fee* realment dovuta lilu ghall-motivi msemmija kemm fir-rapport tal-Perit kif ukoll fil-Kunsiderazzjonijiet hawn fuq moghtija.

Tilqa’ l-ewwel talba limitatament fis-sens li ma tilqax it-talba ghal Lm7,783.36 ekwivalenti ghal €18,130.35, izda tilqaghha ghall-ammont ta’ Lm5,755.86 ossija tlettax-il elf erba’ mija u sebgha Ewro u hamsa u hamsin centezmi (€13,407.55), u dan minhabba l-aspett tal-VAT kif ukoll ta’ l-imghaxijiet hawn fuq imsemmija taht “D4” u “D5” rispettivament.

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ €13,407.55.

Spejjez tliet kwarti kontra l-konvenut u kwart kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------